

# Il-Markiż Vincenzo Bugeja



*Comm. Dr. George Cassar B.A. (Educ) M.Ed.,Ph.D*

Kull min jgħaddi minn Triq San Ġużepp, hu u sejjer lejn ir-rawndebawt ta' Fleur de Lys, jara fuq il-lemin, eżatt fil-kantuniera, binja imponenti li ġġib isem il-fundatur li ħallas għaliha. Dan hu l-Konservatorju Vincenzo Bugeja. Din il-binja, flimkein ma' opri oħra, saret sforz il-qalb kbira tal-filantropu il-Markiż Vincenzo Bugeja li ħalla bosta ġid biex jgħin lil min kien fil-bżonn. Iżda min kien dan Vincenzo Bugeja?

Il-ħajja ta' Bugeja kienet waħda varjegata ħafna. Per eżempju kien negozjant imma wkoll kien iħobb jilgħab il-logħob tal-azzard fil-Kasinò ta' Monte Carlo, żewġ attivitajiet li għenuh ikabbar ġidu. Ta' min jgħid li Bugeja kien wieħed mill-ewwel azzjonisti tal-Kasinò ta' Monte Carlo fil-Prinċipat ta' Monako li kien infetaħ fl-1856; kien investiment li ħallielu dividenti tajbin ħafna u li għalhekk għenuh jistana sew.

Hawn Malta Vincenzo Bugeja għamilha kemm-il darba ta' impreżarju tat-Teatru Manoel. Dan juri li Bugeja kien bniedem b'ħeġġa partikulari. Kien jidħol f'ħafna attivitajiet u ma kienx jaħsibha wisq biex jipprova xi ħaġa ġdida. Kien ukoll permezz tat-teatru Manoel li ltaqa' mal-mara li kellha issir martu, Anna Darbois. Omma kienet l-attriċi Camille Henoque u meta din ġiet biex tirreċta fit-teatru Malti ġabet lil bintha magħha u hekk din tal-aħħar iltaqgħet ma' Vincenzo.

Tant kien qawwi dan il-karattru li jipprova kollox, li Vincenzo Bugeja anki daħal għal politika. Kien sar membru tal-Kunsill tal-Gvern l-ewwel darba wara l-elezzjoni tal-1860 meta kien ġab 729 vot. Dak iż-żmien skont il-Kostituzzjoni tal-1849 kienu jiġu eletti tmien membri għal dan il-Kunsill. Kienu f'minoranza għax il-membri uffiċjali kienu disgħa u magħhom kien jiżdied il-Gvernatur. Dan kien ifisser li kull darba li kien jittieħed vot, jekk il-Gvernatur kien ikun iridu jgħaddi kien jaf li kellu disgħa membri li jkunu żgur miegħu. Dan dejjaq



Il-Markiż Vincenzo Bugeja

ħafna lill-membri mhux uffiċjali u li kienu jkunu eletti mill-poplu li seta' jivvota (f'dik l-elezzjoni kien hemm 3,343 li setgħu jivvotaw li minnhom kienu ħarġu jivvotaw 3,044). Għaldaqstant erbgħa mill-membri eletti għamlu petizzjoni biex dawn ikollhom xi forma ta' kontrol fuq liġijiet li kien ikollhom x'jaqsmu mal-ħajja ta' kuljum speċjalment voti fuq flus pubbliċi. L-erbgħa l-oħra ma qablux ma' dan u fost dawn kien hemm Vincenzo Bugeja. Bugeja kien iżomm mal-Ingliżi, kien pro-Brittaniku u għalhekk ma kienx ser jeħodha kontra l-Gvernatur u t-tmexxija tiegħu skont il-kostituzzjoni mogħtija fl-1849.

It-tieni darba li tela' fil-Kunsill tal-Gvern kien fl-1883. Dan tista' tgħid kien suċċess personali għalih għax mit-tmien membri eletti, seba' minnhom kienu ġejjin mill-Partit Anti-Riformista mmexxi minn Fortunato Mizzi. Kien biss Bugeja li rnexxielu jitla' mill-Parti Riformista f'elezzjoni li lanqas il-mexxej stess tal-partit tiegħu ma kien ġie elett. Għal darb'oħra Vincenzo Bugeja reġa' wera l-lealtà tiegħu lejn il-kolonizzatur għax ħareġ mal-Partit Riformista li kien il-partit favur il-lingwa Ingliża, u l-Imperu Ingliż.

Tista' tifhem ukoll għaliex Bugeja ġie ddekorat bl-onorifiċenza ta' Kavallier tal-Garter fl-1876 minn Dwardu, Prinċep ta' Wales, meta dan għamel waqfa f'Malta fi triqtu lura mill-Indja lejn l-Ingilterra. Kien wieħed mill-Maltin sosteni turi assidwi tal-Ingliżi, u ta' dan l-Imperu Ingliż ried jurih


*Conservatorio Vincenzo Bugeja*

kemm kien jafulu.

Madankollu, Bugeja kien ukoll filantropu. Ried jara kif bil-ġid li kellu seta' jgħin lill-batuti tas-soċjetà. Haseb li tajjeb li joħloq konservatorju biex jilqa' fih bniet fqar iltiema. Wara li talab il-permess għal din l-opra mingħand l-Arċisqof ta' Malta Mons. Gaetano Pace Forno fil-11 ta' Ġunju 1872, dan il-permess wasal erbat ijiem wara. Anki l-Papa Piju IX, waqt udjenza ma' Bugeja, ħeġġu biex ikompli bil-ħsieb li kellu. L-ostakli ma naqsux imma l-ewwel ġebla fl-aħħar tqiegħdet nhar l-20 ta' April 1876. Poġġietha mart il-Gvernatur Sir Charles Van Straubenzee. Beda għalhekk il-bini fuq pjanta tal-


*Istitut Tekniku Vincenzo Bugeja*

*ikompli f'paġna 52*

arkitett tal-Papa, il-Konti Virginion Vespignani, u dam erba' snin biex tela'. Kien fl-1880 li x-xogħol tlesta u laqa' l-ewwel ħamsin tifla fqira fit-18 ta' Mejju. Il-Konservatorju Vincenzo Bugeja kien jitmexxa mis-Sorijiet tal-Karità. Biex il-Konservatorju jkompli għaddej, Anna, mart Vincenzo Bugeja, ħasbet biex tħalli dota ta' 250,000 skud li, investiti mal-Bankiera Messrs Baring Brothers Co. Ta' Londra, dan il-kapital kien iħalli 12,000 skud imgħax fis-sena. Fin-nofs tal-Konservatorju hemm il-kappella li fiha jinsabu żewġ urni suwed ħdejn xulxin, u li fuqhom hemm il-busti tal-koppja Bugeja, fundaturi ta' din il-binja. It-titular iġib raffigurazzjoni ta' San Vincenz u pittru l-artist Ruman il-Kavallier Bruschi. Fuq il-bieb ewlieni, imbagħad, hemm bust ieħor ta' Vincenzo Bugeja. Dan il-bust tal-bronż kien ġie maħdum mill-artist Naplitan il-Prof. Tito Angelini. Billi maż-żmien dan ix-xogħol kien ġralu ċerta ħsara ntalbu fondi mill-Programm ta' Parteċipazzjoni 2010-2011 tal-UNESCO u ġie restawrat minn Ingrid Ross u James Licari. Reġa' tpoġġa fil-post oriġinali tiegħu f'Diċembru tal-2011.

Wara li lesta l-Konservatorju għall-bniet. Bugeja ħass li kellu jibni wkoll wieħed għas-subien. Għalhekk inbena l-Istitut Tekniku Vincenzo Bugeja. Fih żgħażagħ subien kellhom jingħataw tagħlim fis-snajja' u biex ikollu flus biex jitmexxa, l-istitut tħalla bħala werriet fit-testment tal-koppja Bugeja. Infetaħ uffiċjalment fl-1 ta' Novemebru 1914.

Għall-opri ta' karità tiegħu, Vincenzo Bugeja ġie maħtur Markiż mill-Papa Ljun XIII fl-1887. Dan it-titlu kien wieħed personali u ma kienx jintiret mill-ulied. Fil-fatt lanqas li kienu għax il-koppja Buġeja ma kelliex tfal tagħha.

Ta' min jgħid li l-Markiż Bugeja ħalla aktar flus bħala għajnuna lil min kien fil-bżonn. Fost dawn kien hemm £20,000 f'mediċini għall-foqra u somma identika bħala għajnuna lill-emigranti. Dan il-fond kellu l-għan li jtafi xi ftit mill-piż tal-ispiża tal-ivvjaġġar għal dawk li xtaqu jemigraw bit-tama ta' ħajja aħjar barra minn Malta. Nistgħu ngħidu li għalih u għal martu, li allura kienet il-Markiża Anna Bugeja, li jgħinu lill-oħrajn kienet saret l-iskop ta' ħajjithom u sakemm mietu, Vincenzo fl-1890 u Anna fl-1916, baqgħu għaddejjin bil-filantropija tagħhom għall-ġid tal-fqar u l-batuti.

Bħala rikonoxxenza ta' dak li għamel, Vincenzo Bugeja twaqqaflu wkoll bust fil-Mall, il-Furjana. Din l-Art Ħelwa bl-għajnuna finanzjarja ta' Fimbank plc u l-kooperazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Furjana u tal-Ministeru tal-Kultura bħalissa għaddejja b'xogħol ta' konservazzjoni tad-disa' monumenti f'dan il-ġnien, fosthom dak ta' Vincenzo Bugeja. Dan ix-xogħol ta' restawr qed isir minn Heritage Resco.

Vincenzo Bugeja jista' jitqies bħala wieħed minn dawk il-Maltin li għamlu ħafna ġid lill-ħuthom

kompaeżani. Kien bniedem li wera bil-fatti li kien iħobb ferm lil min kien batut. Iddedika ġidu biex jara li min kien fqir u bla riżorsi jsir xi ftit aħjar fil-ħajja. Santa Venera għandha triq imsemmija għal Vincenzo Bugeja – ġest xieraq għal bniedem li ħabb lill-għajru bil-provi.

*Referenzi*:


'Vincenzo Bugeja bronze bust returned after restoration', *The Malta Independent Online* (11.xii.2011), http://www.independent.com.mt/news.asp?newsitemid+136600

Attard, L.E., *Man and Means: Early Maltese Emigration* (1900-1914) (Malta, 1983).

Cremona, J.J., *The Maltese Constitution and Constitutional History since 1813* (Malta, 1994).

Guillaumier, A., *Bliet u Rħula Maltin*, III (Malta, 1987).

Laferla, A.V., *British Malta*, I (Malta, 1938).

Mifsud Bonnici, R., *Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali* (Malta, 1960).

Mizzi, P. (ed. ġen.), 'Vincenzo Bugeja', Portrait Gallery, *Heritage*, 15 (Malta, 1978).

Schiavone, M.J., *Dictionary of Maltese Biographies*, I (Malta, 2009).

Schiavone, M.J., *L-Elezzjonijiet f'Malta 1849-1992 Storja Fatti Ċifri* (Malta, 1992).

Zammit, V., 'Monuments that trace Malta's development', TIMESOFMALTA.COM (13.v.2012), http:www.timesofmalta.com/aerticles/view/20120513/life-features/Monuments-that-trace-Malta-s-development.419618



